# Il-Bidu u Storja ta' 140 Sena.



## Jikteb Rudolph Cauchi

Li Għajnsielem hu ddedikat lil Ommna Marija ta' Loreto m'huwiex sempliċiment xi kumbinazzjoni. L-istorja ħelwa li nsibu fil- "Miscellenea Notitiarum Pro Archivio Parlis Ecclesion Pogi Hain Salem Subanno 1856", miktub mill-ewwel Kappillan Dun Anton Cauchi, insibu li f'dawn iż-żminijiet, ċertu Anġlu Grech waqt li kien qed jisqi l-bhejjem tiegħu mill-għajn li kien hawn f'dawn l-inħawi kellu dehra majestuża ta' Mara tiddi x-xemx u talbitu jwaqqfilha statwa tagħha taħt it-titlu ta' Loreto. Hekk ferħanin b'din il-ġrajja, Anġlu u n-nies tal-madwar ordnaw statwa u f'qasir żmien qegħduha fil-post indikat mill-Madonna.

Dan kien kollox. Ġara mijiet ta' snin ilu, għal habta tal-bidu tas-seklu 18. L-Istatwa li għadha teżisti sal-lum f'kundizzjoni tajba ħafna ġewwa l-knisja l-ġdida fuq l-artal tal-lemin hija x-xhieda ta dan kollu. Maż-żmien flok in-niċċa nbniet knisja u għal waħda nbniet anke t-tieni knisja. Kollox iddedikat lill-Madonna ta' Loreto. Din hi x-xhieda ta' kemm il-poplu t'Għajnsielem minn dejjem ħabba lill Madonna, ta' kemm dak li għamel, għamlu mill-qalb lejn il-Madonna, tall r-raħal li bena iddedikah kollu kemm hu lejn il-Madonna. Ringrazzjament lejn il-Madonna għaliex għażlet dawn l-inħawi sabiex jitfakkar dan it-titlu, għaliex riedet lilna u aħna obdejnieha.

Iżda l-Madonna riedet aktar. Fl-1865 għal darba oħra reġgħet faqqet f'Għawdex l-marda tal-kolera. Għajnsielem, l-ewwel raħal li ssib ta' din il-gżira hekk kif taqbad il-port ta' l-Imġarr igħaddi l-kummerċ kollu tal-gżira minn ġo fih. Barra minn hekk kienu bosta dawk mir-raħal li kienu jaħdmu ġox-xatt biex jaqilgħu l-għixien ta' kuljum. Il-marda tferxet sewwa mal-gżira kollha u l-Isqof Buttiġieġ ordna sabiex statwi ta' devozzjoni jiġu esposti għall-qima ta' kulħadd sabiex Għawdex jeħles minn dan il-gwaj.

Għajnsielem kien ilu biss 10 snin iservi bħala Parroċċa u peress li statwa titulari ma kienx għad hawn il-poplu talab u għamel wegħda lill-Madonna li jekk jinħelsu minn din il-marda, kienu ser jagħmlu statwa biex isservi ta' titular lej il-Madonna talli waqfet magħhom. U hekk kien. Il-marda laħqet 554 minn madwar Għawdex u 256 mietu. F'Għajnsielem biss ma ntlaqat ħadd u minnufih ġiet ordnata statwa mingħand id-ditta Gallard & Fils ta' Marsilja u f'anqas minn sena fl-14 ta' Ottubru, 1866 din l-istatwa (exvoto) ġiet imbierka hawn fostna minn Dun Gejtanu Bondi, kanonku tal-Katidral ta' Għawdex u l-kappilan t'Għajnsielm Dun Mikielanġ Refalo.

Tajjeb li ngħidu li l-istatwa kient xi ftit anqas rikka minn kif nafuha llum. Għalkemm minn dejjem kient kulur id-deheb, il-libsa kienet lixxa, l-anġli kienu xi ftit l-isfel u sħaba taħt riġlejja ma kellhiex.

Kien fl-1920, taħt idejn il-Kappillan Mizzi li b'għaqal kbir ġie ikkuntatjat Wistin Camilleri, żagħżugħ ta' 35 sena li b'sengħa kbira biddel l-istatwa tal-Madonna ta' Loreto għal dik li nafuha llum. B'għaqal kbir Wistin sgraffja f 'basso rilievo l-libsa tal-Madonna, tal-Bambin u ta' l-anġli b'disinni rikki, għolliha fuq sħaba, biddlilha l-kuruna ta' rasha u taha dik id-dehra ta' maesta kollha li jixirqilha. Żejjinha bl-aqwa arti l- l-aqwa artist kapaċi joħloq, għolliha fuq id-dinjita kollha tagħha u tana statwa li m'hemmx kelma oħra li toħroġ minn fomm kull min iħares lejha ħlief 'kemm hi sabiħa!'

Statwa ta' mara liebsa x-xemx bil-ġmiel kollu fuqha, reġina nkurunata u mgħonija b'deheb leqqien. Omm id-dinja kollha żżomm lil binha Ġesù f'idejha x-xellugija u fl-oħra iżżomm ix-xettru li jixirqilha kull reġina bħala patruna ta' kulħadd. Ġesù tarbija b'idu l-leminija jurina lil Ommu u bl-oħra qed jagħtihielna bħal ma għamel fl-aħħar mumenti ta' ħajtu fuq is-salib. U fuq kull naħa tal-Madonna nsibu żewġt anġli bil-ġmiel kollu magħhom, wieħed iżomm simboli tad-dar ċkejkna ta' Marija u l-ieħor iżomm parċmina bil-pjanta ta kif inhi mqassma d-dar.

Bħal kull statwa oħra l-Madonna maż-żminijiet kellha bżonn il-manutenzjoni tagħha u fl-2004 ġiet irrestawrata mill-ġdid minn ulied Wistin, fejn reġgħu tawna dak li għamel missierhom magħna.

Illum 2006, qed infakkru l-140 sena ta' kemm ilha fostna l-istatwa ta-Madonna ta' Loreto. Matul dawn is-snin kollha kienu bosta dawk li bkew f'riġlejn il-Madonna u qalgħu grazzji kbar minn għandha. F'dawn il-140 sena l-poplu kollu t'Għajnsielem irringrazzja lill-Madonna ta' kemm għamlet magħna, ta' kemm ħelset ir-raħal minn gwaj bħal dak inhar ta' gwerra u bħala wegħda ħadha ġol-knisja tal-kunċizzjoni ġewwa l-Qala. Talab quddiemha u minn sempliċiment niċċa l-poplu t'Għajnsielem għamel monument ħaj lil Marija Reġina taħt it-titlu glorjuż ta' Loreto fejn tinsab ivverenata għall-qima tal-fidili kollha tagħha.

Grazzi Madonna, grazzi ta' kemm teħlisna minn disgrazzji u ta' kemm il darba ħassejna b'qawwa kbira l-presenza tiegħek fostna. Ta'kemm -il darba pproteġġejt lilna wliedek minn dak kollu li weġġagħna u aħna sibna s-sabar kollu tagħna fik.